# Q O R T I  Ċ I V I L I

## (Sezzjoni tal-Familja)

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**Illum 31 ta' Ottubru 2018**

Rikors Nru.  226/2017 RGM

Kawza fil-lista: 19

**A B**

**Vs**

**Dr Noel Bartolo u l-PL Veronica Rossignaud nominati kuraturi deputati ghall-assenti C D b'digriet tal-1 ta' Dicembru 2017 u**

**Dr Martin Fenech u l-PL Joeline Pace Ciscaldi nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri E F b'digriet tas-27 ta' Dicembru 2017.**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppermettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi hija zzewget lill-konvenut C D fis-sitta (6) ta' Mejju tas-sena elfejn (2000).

2. Illi fis-sajf tas-sena elfejn u tnejn (2002), l-attrici ma baqghetx tghix mal-imsemmi konvenut C D u hija awtorizzata sabiex tipprocedi biex tibda kawza ghas-separazzjoni personali b'digriet tad-disgha (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgha (2004).

3. Illi l-kawza ta' separazzjoni personali giet pronunzjata fl-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbgha (2004) u ftit jiem wara, fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas- sena elfejn u erbgha (2004), iz-zwieg tal-esponenti mal-imsemmi konvenut Magdi Omer Abd El D gie annulat permezz ta' sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti.

4. Illi meta gew intavolati l-proceduri msemmija, ma kienu twieldu l-ebda ulied lill-esponenti imma fit-tlieta (3) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbgha (2004), l-esponenti welldet li Sarah Brenda. Dan il-wild kien frott ir-relazzjoni illi l-esponenti kellha ma' terzi.

5. Illi fl-att tat-twelid hawn allegat bhala Dok ''A'', l-imsemmija Egiet imnizzla bhala bint l-imsemmi konvenut C D peress illifl-epoka tat-twelid taghha, l-esponenti kienet ghadha mizzewga mal-imsemmi konvenut C D.

6. Illi l-imsemmija Eqatt ma setghet kienet bint l-imsemmi konvenut Magdi Omer Abd El D peress illi dan tal-ahhar kien ilu ma jghix mal-esponenti ghal sentejn.

7. Illi l-konvenut kien telaq minn Malta u mar lura l-Libya minn zmien il-proceduri hawn fuq imsemmija u qatt ma rega' gie lura Malta jew ghamel xi tip ta' kuntatt mal-attrici.

Ghaldaqstant jghidu l-konvenuti ghala dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tiddikjara illi:

1. Illi l-imsemmija Eqatt ma setghet kienet bint l-imsemmi konvenut Magdi Omer Abd El D ghar-ragunijet premessi;

2. Illi l-imsemmi konvenut C D mhuwiex missier l-imsemmija Eu

3. Illi l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu jigi ordnat illi jemenda l-att tat-twelid hawn allegat bhala Dok ''A'' billi fil-kolonna ''Missier it-Tarbija'' jitnizzel illi l-missier mhuwiex maghruf.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej;

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddikorri;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti teccepixxi illi l-attrici ma ddikjaratx taht liema artikolu tal-ligi qed issejjes din il-kawza istanti. Ghaldaqstant f'dan l-istadju l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex meta l-attrici tiddikjara abbazi ta' liema artikolu hija qed isejjes din l-azzjoni, hija tinghata l-fakulta` li tissolleva eccezzjonijiet ulterjuri, u dan dejjem jekk ikun il-kaz;

3. Illi bla hsara ghal permess, stante l-minuri kienet imnissla u mwielda fiz-zwieg, l-esponenti teceppixxi illi din l-azzjoni hija intempestiva stante li ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-attrici kellha tipprezenta din l-azzjoni fit-terminu ta' sitt (6) xhur mit-twelid tal-minuri EF. Gialadarba t-

terminu preskritt fil-ligi skada, l-esponenti tirrileva illi sabiex din l-azzjoni tkun tista' tirnexxi, din kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) sabiex wara li din l-istess Qorti tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset ukoll id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri, tghaddi sabiex taghti l-awtorizzazzjoni mehtiega ghall-procediment tal-azzjoni odjerna;

4. Illi salv il-premess, mill-bqija ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponenti mhijiex edotta mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk dwar il-mertu hija tirremetti ruhha ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero li l-provi migjuba ghandhom ikunu l-ahjar u kif ukoll sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

5. Illi dan ifisser li huwa necessarju f'dan l-istadju illi sabiex tirnexxi din il-kawza istanti, irid ikun hemm il-prova illi fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri EF, kien hemm adulterju da parti l-attrici u *di piu`* dan ghandu wkoll jigi ppruvat permezz ta' xi fatt iehor, *inter alia, testijiet* genetici li jeskludu lil C D, bhala l-missier naturali tal-imsemmija minuri EF;

6. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi l-minuri EF u dan a tenur tal-Artikolu 92 sub-inciz 6 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi subordinatament, dejjem bla hsara ghas-suespost, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-attrici, huwa important li l-kelmiet *'the said'* li jinsabu qabel isem C D, senjament taht kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Atti tat-Twelid in kwistjoni;

8. Illi finalment, l-esponent dejjem minghajr pregudizzjoni ghas-surriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u ghaldaqstant huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Marzu 2018 u n-nota tal-attrici tal-21 ta' Marzu 2018 fejn iddikjarat illi l-azzjoni attrici hija msejsa fuq l-artikolu 77 tal-Kodici Civili.

Rat ir-rikors tal-attrici tal-31 ta' Mejju 2018, ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tad-19 ta' Gunju 2018 u d-digriet taghha tal-20 ta' Gunju 2018.

Rat l-affidavit tal-attrici a fol. 40 tal-process.

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**L-AZZJONI ATTRICI**.

Permezz tal-kawza odjerna l-attrici qed titlob illi c-certifikat tat-twelid tal-minuri jigi emendat fis-sens illi min hu indikat bhala l-missier jigi mhassar u minflok jigi mnizzel missier mhux maghruf. Dan ghaliex l-attrici ssostni illi il-konvenut Magdi Omar Abd El Daim tnizzel bhala l-missier peress li fiz-zmien rilevanti hija

kienet mizzewga lilu, zwieg li gie segwit b'separazzjoni personali u eventwalment annullament.

Jirrizulta illi l-attrici izzewget lill-konvenut F fis-6 ta' Mejju 2000. L-attrici xhedet illi hija ma baqghetx tghix mal-konvenut F sa mis-sajf tas-sena 2002. Il-minuri twieled fit-3 ta' Gunju 2004 minn relazzjoni li kellha ma' haddiehor. Sussegwentement izzewget lir-ragel attwali taghha u minnu kellha tlett itfal. Tghid illi qatt ma' kellha kuntatt mal-konvenut F mis-sena 2002 sallum. Il-minuri ilha tghix flimkien mal-attrici, zewgha u hutha l-ohra sa minn meta kellha erba' snin.

Ikkunsidrat;

L-**Artikolu 67 tal-Kap.16** li jipprovdi illi:-

*"L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu".*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Marco Vella vs Pauline Cassar et**[1] intqal hekk fir-rigward tal-artikolu appena citat:-

*"Illi huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipprotegi l-istat ta' legittimita' tal-persuna, ladarba din twieldet fiz-zwieg, u ladarba l-istat tal-istess minuri huwa konformi mal-istess diskrezzjoni wkoll hajja tieghu, hekk mizmum fir-rejalta` socjali bhala iben l-istess konjugi. Illi fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet "**Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et**" (P.A. FGC 10 ta' Mejju 1996) inghad li:-*

*Dak li jissejjah ir-'raison d'etre' ta' din id-disposizzjoni tal-ligi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment tal-awtur Ricci meta huwa jikkummenta dwar*

1 Deciza fil-25 ta' Mejju 2007

*disposizzjoni analoga tal-Kodici Taljan… "Egli ha osservato esistere nell'ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolabilita' dal talamo a per il rispetto della fedelta' coniugale, la quale presunzione viene avvolorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il marito come il padre dei concepiti da sua moglie durante il matrimonio. I giuconsulti romani intesero questa presunzione come l'incarnazione della formula solenne 'pater is est quem justae nuptiae demonstrat'.(Diritto Civile. Vol. 1 para 49 page.76)".*

Huwa ghalhekk illi l-ligi nostrana ma tikkonsidrax b'mod legger talbiet sabiex isir tibdil fl-att tat-twelid ta' persuni imwielda fiz-zwieg. Bl-azzjoni proposta l-attrici qed tattakka l-presunzjoni stabbilita bl- Artikolu 67 tal-Kodici Civili fejn insibu affermat illi "l-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu". Jirrizulta pacifiku illi din il-presunzjoni m'hijiex assoluta, imma biss *juris tantum* u ssir *juris et de jure* meta l-istat ta' tifel legittimu jirrizulta mhux biss mill-att tat-twelid, imma wkoll bil-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att.

L-attrici ddikjarat illi ntavolat il-kawza odjerna ai termini tal-**Artikolu 77** tal-Kap. 16 li jaqra kif gej:-

"Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, il-filjazzjoni ta' tifel imwieled matul iż-żwieġ tista' tiġi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess:

(a) jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-raġel kien fl-impossibilità fiżika li jgħammar ma' martu minħabba f'li kien bogħod minnha jew minħabba f'xi aċċident ieħor; jew

(b) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-mara kienet wettqet adulterju u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikun testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lir-raġel bħala l-missier naturali tat-tifel."

Mix-xhieda tal-attrici, ghalkemm ma hiex korroborata minn testijiet genetici, il-Qorti tasal ghall-konkluzzjonijiet illi l-attrici sehhilha tipprova sodisfacentement illi l-minuri EF ma hiex bint Magdi D.

**ECCEZZJONIJIET**.

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Direttur fir-rigward tan-nuqqas ta' notifika lill-Avukat Generali giet sorvolata bil-prezentata tar-risposta guramentata.

It-tieni eccezzjoni giet indirizzata u sorvolata bin-nota prezentata mill-attrici fil-21 ta' Marzu 2018.

It-tielet eccezzjoni giet sorvolata bir-rikors tal-31 ta' Mejju 2018 u d-digriet moghti fl-udjenza tal-20 ta' Gunju 2018.

Dwar il-hames eccezzjoni il-Qorti qed tiddikjara illi l-attrici irnexxielha tipprova sodisfacentement illi fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tarbija, kien hemm adulterju da parti tal-attrici.

Dwar it-tmien eccezzjoni, il-pretensjoni tad-Direttur li m'ghandux ibati spejjez ta' din il-procedura hija fondata.

Dwar l-eccezzjonijiet l-ohra ser jigu ndirizzati fid-decide.

**DECIDE**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tiddisponi mir-risposti guramentati konformement ma' dak hawn deciz,

1. Tilqa' l-ewwel u t-tieni talba attrici u tiddikjara illi l-minuri Ema hiex il-wild naturali tal-konvenut C D.

2. Tilqa' t-tielet talba attrici, tordna li mill-att tat-twelid tal-minuri Ejigi kkancellet l-isem tal-konvenut C D u l-konnotati kollha tieghu kif ukoll il-kelma "the said" u minflok jitnizzlu l-kliem "missier mhux maghruf".

3. Tordna illi a tenur tal-artikolu 92 (6) tal-Kap. 16 il-minuri jkun maghruf bil-kunjom "B".

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

| | |
|---|---|
| **Onor. Robert G. Mangion** | **Lydia Ellul** |
| **Imhallef** | **Deputat Registratur** |